VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,725, 26 ta' Ottubru, 2021*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru LXI tal-2021**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ, Kap. 441.**

**ACT No. LXI of 2021**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Trading Licences Act, Cap. 441.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

**GEORGE VELLA**
**President**

26 ta' Ottubru, 2021

**ATT Nru LXI tal-2021**

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ, Kap. 441.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 441.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-kummerċ jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

**2.** L-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) biex jippreskrivi l-kondizzjonijiet li taħthom liċenzji jew xi kategorija jew klassi waħda jew aktar tagħhom jistgħu jingħataw, jiġu mġedda, sospiżi, trasferiti jew imħassra:

Iżda fir-rigward tas-swieq fil-beraħ, il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli

għall-gvern lokali, joħroġ regolamenti dwar il-kriterji, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri relatati mat-trasferiment ta' awtorizzazzjonijiet tal-ispazji tal-posti tal-bejjiegħa tas-swieq;";

(b) il-paragrafu (k) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(k) biex jippreskrivu azzjonijiet li jistgħu jittieħdu biex jippromwovu konformità mal-leġiżlazzjoni li tirregola swieq fil-beraħ;"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (k) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(l) biex jippreskrivu kull ħaġa li titqies meħtieġa jew spedjenti għat-twettiq aħjar ta' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 500 tal-20 ta' Ottubru, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

26th October, 2021

## ACT No. LXI of 2021

*AN ACT to amend the Trading Licences Act, Cap. 441.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title and commencement.

Cap. 441.

**1.** (1) The short title of this Act is the Trading Licences (Amendment) Act, 2021 and this Act shall be read and construed as one with the Trading Licences Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall come into force on such date as the Minister responsible for commerce may, by notice in the Gazette, establish, and different dates may be so established for different provisions and different purposes of this Act.

Amendment of article 17 of the principal Act.

**2.** Article 17 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) paragraph (a) thereof shall be substituted by the following new paragraph:

"(a) for prescribing the conditions under which licences or any one or more categories or classes thereof may be granted, renewed, suspended, transferred or cancelled:

Provided that in relation to open-air markets, the Minister may, after consultation with the Minister responsible for local government, issue regulations on the criteria, conditions and procedures related to the transfer of authorisations of market hawker stall spaces;";

(b) paragraph (k) thereof shall be substituted by the following new paragraph:

"(k) for prescribing actions which may be taken to promote compliance with the legislation regulating open markets;"; and

(c) immediately after paragraph (k) thereof there shall be added the following new paragraph:

"(l) for prescribing any matter considered necessary or expedient for the better carrying out of any of the provisions of this Act.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 500 of the 20th October, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**